MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2812/1996/1

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Ottubru, 2002**

**Maria Dolores BONELLO [wara digriet tat-18 ta' Frar 2000 meta l-kunjom Buttigieg gie sostitwit ghal Bonello] bhala kuratrici 'ad litem' ghan-nom ta' binha minuri James Bonello [nominata kuratrici ad litem permezz ta' digriet tal-4 ta' Awissu, 1997]**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u Mario Bonello, u Joseph Galea**

Il-Qorti,

**CITAZZJONI**
Rat ic-citazzjoni attrici li biha ppremettiet:

1. Illi fil-5 ta’ Lulju, 1996 Maria Dolores Bonello tat wild ghal tarbija, ta’ sess maskili, bl-isem ta’ James;

2. Illi fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija Att Numru 3183/96 (vide Dok A) isem il-missier tat-tarbija gie errorjament indikat bhala l-konvenut Mario Bonello;

3. Illi l-missier naturali ta’ din it-tarbija mhux il-konvenut Mario Bonello imma l-konvenut l-ierhor Joseph Galea;

4. Illi Maria Dolores Bonello u Mario Bonello kienu zzewgu fid-19 t’Awissu 1976;

5. Illi fl-1982 Maria Dolores Bonello kienet inizjat proceduri ghal separazzjoni legali minn ma’ zewgha l-konvenut Mario Bonello;

6. Illi effettivament din l-Onorabbli Qorti kienet iddikjarat is-separazzjoni legali bejn Maria Dolores Bonello u l-konvenut Mario Bonello permezz ta’ sentenza tal-20 ta’ Jannar 1993;

7. Illi l-imsemmija Maria Dolores Bonello ma kenitx taf li din l-Onorabbli Qorti kienet ippronunzjat is-separazzjoni personali taghha minn mal-konvenut Mario Bonello, anzi kienet konvinta illi kienet separata biss ‘de facto’ minn mal-imsemmi konvenut Mario Bonello;

8. Illi ghaldaqstant, minhabba f’hekk, Maria Dolores Bonello irregistrat lit-tarbija James li hija welldet fil-5 ta’ Lulju 1996 fuq isem il-konvenut Mario Bonello;

9. Illi fic-certifikat tat-twelid ta’ James Bonello Att Numru 3183/96 (vide Dok A) isem il-missier huwa ndikat bhala l-konvenut Mario Bonello meta effettivament missier l-istess tarbija huwa l-konvenut l-iehor Joseph Galea;

Talbet li l-Qorti

1. tiddikjara illi fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija James Bonello (Att 3183/96) isem il-missier gie erronjament indikat bhala l-konvenut Mario Bonello meta

l-missier naturali tal-imsemmija tarbija James Bonello huwa l-konvenut Joseph Galea;

2. tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tat-tarbija James Bonello (Att Numru 3183/96) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier it-tarbija James Bonello tikkancella l-kliem Mario Bonello u tissostitwihom bil-kliem Joseph Galea.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet;

2. Illi fi kwalunkwe kaz, hu m'ghandux ibati spejjez;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-Dikjarazzjoni u lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Galea fejn permezz taghha kkonferma l-premessi citattivi, fis-sens illi kkonferma illi huwa l-missier naturali tat-tarbija James illi twieled fil-5 ta' Lulju 1996 u accetta wkoll illi ismu, u cioe' isem il-konvenut Joseph Galea, jigi ndikat bhala isem l-istess tarbija.

Rat id-dikjarazzjoni u lista tax-xhieda ta' Joseph Galea.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**

Illi fl-10 ta’ Ottubru, 2001 din il-Qorti dwar in-necessita’ o meno tad-DNA testing kienet qalet hekk:

“Illi ghalhekk jirrizulta li f’kazijiet ta’ din in-natura jekk il-paternita’ o meno tigi stabbilita mill-provi migjuba specjalment meta tingieb prova konkreta fuq l-impossibilta’ fizika ta’ koabitazzjoni bejn il-konjugi, ma jkunx hemm htiega li jsir it-test tad-demm. Altrimenti id-DNA test ikun necessarju.

Issa fil-kaz in ezami possibilment l-ingredjenti li ma jirrikjedux id-DNA testing jistghu jirrizultaw fil-kaz tac-certifikat ta' James Bonello. Ghalhekk f’dan l-istadju ma hux necessarju li jsir id-DNA testing.”

Gie prezentat affidavit ta’ Maria Dolores Bonello li bazikament ikkonfermat il-fatti kif-esposti fid-dikjarazzjoni li pprezentat flimkien mac-citazzjoni. Sostniet li ma kenitx taf li hi legalment separata ghalkemm kienet de facto. Semmiet li kellha u ghad ghandha relazzjoni mall-konvenut l-iehor Joseph Galea u minn din ir-relazzjoni kellhom tarbija jisimha James li twieled fil-5 ta’ Lulju, 1996. Sostniet li dan hu l-wild naturali tal-konvenut Joseph Galea. Lill-konvenut l-iehor Mario Bonello kienet ilha ma tarah u kienet ilha ma jkollha x’taqsam mieghu f’kull sens anke sesswalment ghal bosta snin. Il-konvenut Galea jaghraf lil dan it-tifel bhala tieghu, u jmantnieh u jiehu hsiebu.

Joseph Galea pprezenta affidavit fejn semma li jaf lill-attrici u kellhom u ghad ghandhom relazzjoni flimkien u minn din ir-relazzjoni twieled tifel fil-5 ta’ Lulju, 1996 li semmewh James. Hu gharaf u irrikonoxxa lil dan it-tifel bhala ibnu, ghax hekk hu, u kien hu li ghammdu u ha hsiebu. Semma li l-attrici kien minghaliha li kienet separata biss de facto u mhux legalment. Jaf li l-kawza qedgha ssir biex jigu rrangati l-affarijiet u biex fic-certifikat tat-twelid ta’ ibnu James jitnizzel hu bhala missieru.

Charmaine Farrugia bint l-attrici u l-konvenut Mario Bonello ikkonfermat li ommha bdiet relazzjoni mal-konvenut Galea xi 17-il sena qabel u baqghu jghixu dejjem flimkien. Ghamlet snin twal ma tarax lil missierha hlief ghal xi sentejn ilu u rega' nqata' ghal kollox. Missierha ghandu mara ohra u minnha ghandu tlett itfal. Meta missierha u ommha sseparaw huma qatghu l-kuntatti kollha u qatt ma regghu tkellmu ma' xulxin u t-tfal spiccaw l-istitut. James Bonello – huha – hu t-tifel tal-konvenut Joseph Galea li jiehu hsiebu u jrabbieh u kulhadd jaf li ibnu.

Margaret Cascun oht il-konvenut Galea semmiet li huha ilu f'relazzjoni ma' l-attrici ghal 17-il sena. Xi hames snin ilu kellhom tarbija James u huha dejjem rabbieh ta' ibnu.

Mary Rose Mercieca oht l-attrici semmiet il-problemi li kien hemm bejn l-attrici u l-konvenut Bonello. Ziedet li hames snin ilu l-attrici kellha tarbija James mill-konvenut Joseph Galea.
Victor Galea missier il-konvenut Galea semma li ibnu ilu snin twal jghix ma' l-attrici. Semma li xi hames snin ilu kellhom tarbija li semmewh James. It-tifel jghajjatlu "nannu", u lill-konvenut Galea "Pa".

**KONKLUZJONIJIET:**
L-artikolu **77** tal-Kap 16 jghid:

"Il-legittima ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".

Fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** A.C. 14 ta' Jannar 1952 intqal:

"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.

It-Tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.

Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"

Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** Imh A Magri tal-21 ta' Frar 1996 inghad illi:

"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".

Fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** P.A. Imhallef Frank George Camilleri tal-10 ta' Mejju 1996 inghad li:

"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkomenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … …." "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l incarnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e'

tanto un dettato dell' antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall' esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell' articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio" - (Diritto Civile. Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi fil-kawza deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili – Imh R Pace fit-30 t'April 2002 fl-ismijiet Mary Jacqueline Fenech pro et nomine vs Victor Fenech et insibu:

"Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denegata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**Artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**Artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittentata skond **l-Artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu…"

Ta' min isemmi wkoll f'dan l-istadju s-sentenza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Ottubru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Kroon vs The Netherlands"** fejn gie rikonoxxut legalment l-esistenza ta' "family ties" anke bejn persuni li ma humiex mizzewgin, u ghalhekk il-frott tal-istess, ghandu jigi rikonoxxut bhala tali, ghaliex jirrispekkja l-verita` attwali.

Illi l-konvenut Mario Bonello ma pprezentax nota ta' eccezzjonijiet waqt li l-konvenut Joseph Galea bazikament ammetta l-fatti msemmija. Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa li mhux edott mill-fatti u

rrimetta ruhu ghall-provi u sostna li ma ghandux ibati l-ispejjez.

Illi minhabbi l-motivi fuq imsemmija tidher li t-talba attrici hija gustifikata u din il-Qorti ghalhekk:

1. tiddikjara illi fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija James Bonello (Att 3183/96) isem il-missier gie erronjament indikat bhala l-konvenut Mario Bonello meta l-missier naturali tal-imsemmija tarbija James Bonello huwa l-konvenut Joseph Galea.

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tat-tarbija James Bonello (Att Numru 3183/96) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier it-tarbija James Bonello tikkancella l-kliem Mario Bonello u tissostitwihom bil-kliem Joseph Galea.

Spejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn l-attrici u l-konvenut Joseph Galea ghax certament l-konvenuti l-ohra ma jahtu xejn f’dan kollu.